# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD
## B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Clint Chetcuti**

**Kumpilazzjoni numru 335/2013**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Clint Chetcuti** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 579092 (M) billi huwa akkuzat talli nhar l-14 ta' Jannar 2013 ghall-habta tas-1.00 ta' filghodu gewwa San Giljan:

1. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni DOR 818 ghad-dannu ta' Dorian Bimbli u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz jitratta hsara fuq windscreen ta' vettura li sehh f'San Giljan fl-14 ta' Jannar 2013 ghall-habta tas-1.00 ta' filghodu, liema hsara qieghed ikun allegat li sehhet permezz ta' flixkun. L-14 ta'Jannar 2013 kienet il-gurnata tat-Tnejn. L-imputat cahad mill-ewwel li kien involut fil-kaz u dan meta kellmuh il-pulizija wara li sehh il-kaz.

Ix-xhud **Jeffrey Vella** li ghandu ristorant fil-qrib jghid li sema' hgiega tinkiser izda ma rax il-persuna li kkagunat il-hsara. Jghid li madwar tliet kwarti qabel ra persuna tillatika ma' tfajla, kienet fis-sakra u hu jghid li l-persuna tixbah lill-imputat imma jahseb li fi zmien l-incident kellu qatgha ta' xaghar differenti.

Ix-xhud **Dorian Bimbli** sid il-vettura li garbet il-hsarat jghid li l-incident sehh bejn id-9.30 pm u l-10 pm. U f'xi gurnata bejn Jannar u Frar. Ix-xhud jghid li kien ma' siehbu Geoffrey Abela u semghu hoss, bhal xi haga tal-hgieg tinkiser. Ix-xhud jghid li "*I just get closer to the pavement to see what have happened and I see a couple which between them I think there was an argument or something and I realised that a bottle was thrown against the windscreen of my car.*" Ix-xhud ma jghidx li ra lil xi hadd partikolari jitfa' l-flixkun li kkawza l-hsara.

L-imputat **Clint Chetcuti** xehed li fil-lejl ta' bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Jannar 2013 kien San Giljan u li l-pulizija baghtu ghalih fl-ewwel (1) ta' April 2013 u meta kkonfrontat minnhom li kellhom filmat tas-cctv li juri lilu jwaddab flixkun huwa cahad mill-ewwel. Il-Qorti tinnota li dan il-filmat qatt ma kien prezentat f'din il-kawza u jista' jkun li l-pulizija qalu dan biex jonsbu lill-imputat li jekk veru kien hu li waddab il-flixkun jinduna li hu dahru mal-hajt u jammetti.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil- kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil minn jaghti affidament lill-verzjonijiet moghtija.

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark**

**Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall- piena jew ghal xi provvediment iehor.

Il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni sodisfacentament ippruvat li kien l-imputat li tefa' l-flixkun li kkaguna l-hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DOR 818 u ghalhekk mhix se tinstab htija fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Clint Chetcuti hati u tilliberah minn din l-akkuza.

**Ft./Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Vera Kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**